QALA

Ref Nru 14

Il-minuti tal-erbatax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 29 ta' Lulju 2016, fis-7:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Qari u approvazzjoni tal-minuti tat-tnax u tat-tlettax il-laqghat.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tnax u tat-tlettax il-laqghat tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Punti mqajma mill-minuti.**

3.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-fanali fi 'Gnien il-Familja' ghadhom ma gewx mizbugha. Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li l-*bollard* ghadha ma twahhlitx fl-entratura. Is-Sindku semma li jrid isir il-manutenzjoni fuq kollox li hemm f'dan il-gnien. Gew diskussi l-*gazebo's* li hemm f'dan il-gnien li wkoll ghandhom bzonn ta' manutenzjoni. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li xi snin ilu kien sar xi manutenzjoni fuqhom mill-MSD ta' Malta. Is-Segretarja semmiet li hija talbiet lil dan id-Dipartiment izda dawn irreferawha ghal Ministeru ghal Ghawdex. Gie deciz li l-ewwel nitolbu l-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex dwar dan u jekk ma tigiex milquha din it-talba l-Kunsill johrog sejha ghal-kwotazzjonijiet. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li huwa flimkien mas-Sindku ghandhom imorru sabiex jaraw x'manutenzjoni ghandhom bzonn dawn il-*gazebo's* halli jitnizzlu mal-ispecikazzjonijiet.. Il-Kunsill iddecida wkoll li tinhareg kwotazzjoni ghal provvista u installazzjoni ta' tapiti ta' taht il-bandli ta' dan il-gnien kif ukoll tal-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'. Is-Sindku semma wkoll li ser isir tisqija fi 'Gnien il-Hajja'.

QALA

# 4 Korrispondenza.

4.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

4.2 Ittra mibghuta minn George Mercieca Segretarju Kumitat Organizzattiv 1551 dwar l-attivita` il-1551 in Concert. Huma talba xi ghajnuna tal-Kunsill sabiex jipprovdi xi trasport mir-rahal u lura u xi *light refreshments.* Il-Kunsill iddecida li ma jaghtix ghajnuna.

4.3 Ittra mibghuta minn George Refalo Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun Ghawdex dwar hrug ta' offerti regjonali f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Ghawdex.

4.4 Ittra mibghuta minn Peter Paul Barbara National Coordinator mit-Transport Malta, sabiex il-Kunsill jissuggerixxi xi postijiet fejn jistghu jsiru l-*electric vehicle charging points*. Il-Kunsill iddecida li post adattat huwa fejn il-mappa tal-lokalita` fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg.

4.5 Ittra mibghuta mid-Direttur Adrian Mifsud tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, fejn saret referenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill dwar l-attivita tal-*Qala International Folk Festival* 2017. Il-Kunsill gie informat li ser jinghata s-somma ta' €2,000 ghal din l-attivita'.

4.6 Ittra mibghuta minn Steve Talbot li joqghod fi Triq Patri Guzepp Portelli dwar xi suggerimenti sabiex isiru xi *speed cameras* u *road humps* fi Triq l-Imgarr kif ukoll xi suggerimenti ohra dwar is-sistema tat-traffiku f'dawn l-inhawi.

4.7 Zewg ittri mibghuta minn Ruben Said mit-Transport Malta dwar zewg talbiet ghal *double yellow lines*; wahda faccata ta' *garage* fi 31, Triq ir-Rebha, Qala u l-ohra quddiem *garage* fi 22, Triq it-Telgha, Qala. Ma kien hemm ebda oggezzjoni mit-Transport Malta sabiex isiru.

4.8 Il-*management letter* kif ukoll kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2015 mibghuta minn Conrad Borg (Partner) ghal RSM Malta. Kopja ta' din l-ittra, r-rapport u l-*financial statements* intbghatu wkoll minn Tanya Mercieca Asst. Auditor General mill-*National Audit Office*.

4.9 Ittra mibghuta minn Yoanne Muscat mill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn anness intbghatet kopja tad-decizjoni dwar l-applikazzjoni ghal permess ta zvilupp bin-numru PA/03798/02 f'Hondoq ir-Rummien '*Construction of a destination port comprising a hotel, a yacht marina and a tourist village.'*

4.10 Diversi ittri dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp li ssottometta l-Kunsill lill-Awtorita` tal-Ippjanar fi Triq l-Imgarr '*To upgrade existing football pitch including new changing rooms and related facilities*. Dawn ntbghatu minn Joseph Attard, Josette Sciberras, Mario Grima u Alexander Zammit kollha ghal *Executive Chairperson* tal-Awtorita` tal-Ippjanar. F'wahda mill-ittri l-Kunsill gie mitlub ihallas €6,578.52. Il-Kunsill iddiskuta dan u ddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Awtorita` fejn jigi mitlub sabiex din il-*fee* tigi mnaqqsa sabiex tinkludi biss l-*area* tac-*changing rooms*.

4.11 Is-Sindku semma li saret applikazzjoni sabiex isiru *meters* tad-dawl u tal-ilma fil-*clubhouse* sabiex b'hekk ikun hemm *meters* ghal gnien u *meters* ghall-*clubhouse* separati. Din ma

gietx accettata u ghalhekk ser issir applikazzjoni ohra sabiex isiru fuq il-latrini pubblici li hemm f'dan il-gnien.

**5 Laqgha mal-offerenti tal-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A), tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B) u ghazla ta' dawn l-offerti.**

5.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gew mistiednin iz-zewg offerenti tal-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A), tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B). L-ewwel gie mistieden Joseph Hili li huwa l-kuntrattur li bhalissa l-Kunsill ghandu dawn iz-zewg kuntratti mieghu. Huwa semma li jekk jintghazel hu, ser jahdem bl-istess sistema li qed jahdem biha bhalissa. Il-Kunsill iddiskuta li hu sodisfatt b' din is-sistema. Wara gie mistieden Nicholas Zammit fejn huwa semma li ser ikollu zewg haddiema f'gurnata li jitqassmu wiehed filghodu u l-iehor wara nofs in-nhar mit-Tnejn sas-Sibt kif ukoll jitbattlu l-*bins* kollha tal-lokalita`, eskluz t-tindif li jsir *extra* fil-festa. Huwa semma li ghandu f'idejh il-lokalitajiet tar-Rabat, Ghajnsielem u parti minn Nadur. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-offerti u wara gie deciz li l-Kunsill ghandu jiccekkja mal-Kunsilli Lokali tal-lokalitajiet fuq imsemmija biex jara xi xoghol joffri Nicholas Zammit. Gie deciz ukoll li decizjoni finali dwar l-ghazla ta' dawn l-offerti ghandha tittiehed fl-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**6 Rapprezentant mill-Kunsill Lokali bhala membru tal-GAGF.**

6.1 Giet trattata ittra li giet mibghuta minn Justin Aguis GAGF Manager tal-Gozo Action Group Foundation dwar ghazla ta' rapprezentant mill-Kunsill Lokali sabiex jiffirma kuntratt f'forma ta' att pubbliku rigward il-fondazzjoni Gozo Action Group. Il-Kunsill iddecida li dan ir-rapprezentant ikun is-Sindku Clint Camilleri.

**7 Festa ta' San Guzepp 2016.**

7.1 Is-Sindku semma li ser jinhargu l-permessi tal-*mobile kiosks* tal-ikel li jarmaw fil-festa ta' San Guzepp u li ser jarmaw fl-istess post tas-soltu jigifieri fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Huwa semma wkoll li bhas-soltu l-Kunsill ser jiehu hsieb it-tindif waqt u wara l-festa.

**8 Attivitajiet tal-Festa ta' San Guzepp 2016.**

8.1 Is-Sindku semma li ser jigu organizzati diversi attivitajiet inkonessjoni mal-festa ta' San Guzepp u li l-Kunsill ircieva diversi talbiet ghal ghajnuna sabiex jithallsu xi spejjes ta' dawn l-istess attivitajiet. L-attivitajiet li ser jigi organizzati huma:

8.2 ●Ghaqda Piroteknika San Guzepp – Attivita` fil bajja ta' Hondoq ir-Rummien;
●Radju Lehen il-Qala - Programm bis-sehem tal-Kunsill Lokali;
●Ghaqda Armar San Guzepp – Attivita` ghat-tfal fi Pjazza San Guzepp;
●Ghaqda Briju San Guzepp – BBQ ghaz-zghazagh fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

8.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas xi spejjes minn kull attivita`. Gew trattati zewg ittri li l-Kunsill ircieva minghand ir-Radju Lehen il-Qala u l-Ghaqda Piroteknika San Guzepp dwar din il-materja. Is-Sindku semma li ser terga tigi organizzatha t-tigrija taz-zwiemel u li bhas-sena l-ohra l-Kunsill ghandu jghin fl-istess ammont ta' spejjes sabiex tigi organizzatha din it-tigrija. Il-Kunsill qabel ma dan. Giet trattata ittra mibghuta mill-Kunsill lill-organizzaturi dwar *no objection* sabiex isir it-tigrijiet taz-zwiemel nhar is-6 t'Awwissu 2016.

**9 *Qala International Folk Festival* 2016 – il-hdax il-edizzjoni**

9.1 Is-Sindku semma li gew mistiedna zewg gruppi folkloristici mill-Bulgaria ghal *Qala International Folk Festival* ta' din is-sena. Grupp minnhom ser joqghod fl-ITS tal-Qala izda Dar l-Arka hija ibbukkjatha Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa ser jiccekkja l-Kunvent ta' San Wistin r-Rabat peress li dawn ghandhom parti mill-Kunvent li tintuza bhala *hostel*. Is-Sindku semma wkoll li gej delegazzjoni ta' zewg jew tlett Taljani ghal *festival* sabiex forsi jigu ghal *festival* ta' sena ohra. Il-Kunsillier Jesmond Borg ippropona li ghandha terga jsir l-esibizzjoni tal-bolol fil-Muzew Folkloristiku peress li s-sena l-ohra kienet tajba hafna. Il-Kunsill qabel ma dan.

Giet trattata din il-materja:

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-20 ta' Mejju 2016 sad-29 ta' Lulju 2016 minn referenza numru 79/16 sa referenza numru 109/16 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 50/16 sa referenza numru 73/16 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

**10. Aggornament.**

10.1 Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 15 ta' Settembru 2016.

______________________
Clint Camilleri
Sindku

______________________
Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva